A.L. 225 ta' l-2008

ATT DWAR IX-XANDIR
(KAP. 350)

Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar ix-Xandir

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (10) ta' l-artikolu 41 ta' l-Att dwar ix-Xandir, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ bħala "l-Att", l-Awtorità tax-Xandir flimkien mal-Prim Ministru, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti għandhom jissejħu r-Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar ix-Xandir, u għandhom jinqraw ħaġa waħda flimkien mal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att.

Emenda tal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar ix-Xandir.

2. Fil-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar ix-Xandir, fl-Ewwel, fit-Tieni u fit-Tielet Kolonni tagħha, minnufih wara l-kliem:

"Ħtiġiet dwar *Standards* u Prattika dwar il-Prezz ta' Telefonati u *SMS*'s fil-Mezzi tax-Xandir	€1,164	€931",

għandhom jidħlu l-kliem:

"Ħtiġijiet dwar *Standards* u Prattika fuq Programmi li Jinvolvu l-Parteċipazzjoni ta' ċerti Professjonisti fil-Kura Medika fil-Mezzi tax-Xandir u Ħtiġijiet dwar Reklamar, Metodi ta' Reklamar u Direttivi li Japplikaw għall-Prodotti u Trattamenti Mediċinali	€1,164	€931".